MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 523/2010/1

**Malta School of Flying Co Ltd (C 33760)**

**Vs**

**Shaker Asleh (ID 377306L)**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza datata 21 ta' Ottubru, 2011 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fejn ġie deċiż dan li ġej:-

***Il-Qorti:-***

*Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-7 ta' Dicembru 2010 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' sitt elef u hames mitt Ewro (€6,500) rapprezentanti prezz ta' uzu ta' ajruplani privati tas-socjeta attrici ghas-sena 2008.*

*Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .*

*Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew imwahhla fl-ghassa tal-pulizija tal-Belt, w il-Kunsill Lokali tal-Belt u fil-post tal-konvenut, il-Belt Valletta, fl-24 ta' Marzu 2011, u dan skond ir-riferti posittivi tal-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi datati 24 ta' Marzu 2011 (fol 13 tergo).*

*Rat illi is-socjeta' konvenuta giet ukoll notifikata b'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar il-25 ta' Marzu 2011 (fol. 17) u fil-gazzetta lokali The Times of Malta nhar il-4 ta' Mejju 2011 (fol 19).*

*Illi fis-seduta ta' l-10 ta' Otturbu, 2011 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta (fol 21).*

*Rat illi fis-seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2011 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.*

*Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.*

*Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Sitt elef u hames mitt Euro (€6,500) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi."*

Illi l-intimat kif debitament rapprezentant minn Brenda Magri bhala mandatarja tieghu billi huwa assenti minn dawn il-gzejjer interpona appella mis-sentenza ta'l-Ewwel Qorti u dana billi jilmenta illi meta huwa gie a konjizzjoni ta' din is-sentenza hass ruhu aggravat minnha abbazi tas-segwenti aggravji:

1. Il-konvenut ma giex debitament notifikat bir-rikors promotur. F'dan il-kaz, giet adottata l-procedura tan-notifika permezz ta'l-affissjoni u l-pubblikazzjoni. L-uzu ta' din il-procedura kien wiehed irregolari ghall-ahhar, peress li l-konvenut kien assenti minn Malta ghal zmien twil qabel gie pprezentat ir-rikors promotur, u fid-data li fiha gie ntavolat ir-rikors, u ghadu hekk assenti sal-lum. Il-procedura li kellha tigi uzata kienet dik tal-hatra ta' kuraturi ghan-nom tal-assenti u dana fid-dawl tal-fatt illi l-appellanti ma jirrisjediex f'pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea.

2. Jirrizulta li kopja tal-att promotur mal-ahhar residenza maghrufa tal-konvenut, indikata fil-*folder* tan-notifika, qatt ma giet imwahhla. Dan qed jinghad peress illi l-fond indikat hu dak residenzjali tal-appellanti nomine Brenda Magri [90, flat 2, Triq Melita, Valletta], u l-appellanti lesta tikkonferma <u>bil-gurament taghha</u> li qatt ma kien hemm imwahhal xi dokument gudizzjarju mar-residenza taghha, fejn hi tghix ta' kuljum.

3. Fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellanti deher li kien qed jigi rapprezentat minn Avukat. Fl-udjenza tal-10 t'Ottubru 2011 gie

verbalizzat hekk, *'Meta ssejhet il-kawza deher Dr Ludvig Caruana ghas-socjeta' rikorrenti. Deher Patrick Fenech rapprezentat tas-socjeta' rikorrenti. Deher Dr Mark Fenech Vella ghall-intimat.'* L-avukat Fenech Vella qatt ma kien il-konsulent legali tal-appellanti. Fil-fatt, l-appellanti lanqas biss jaf min hu l-avukat Fenech Vella. Tant hu hekk ukoll li mill-bqija tal-atti processwali, jirrizulta b'mod mill-aktar car li l-avukat Fenech Vella kien, flimkien mal-Avukat Ludvic Caruana, l-avukat tas-socjeta' attrici!

4. Illi lil hinn mill-kwistjoni tal-irregolarita' tan-notifika, l-appellanti ghandu kontestazzjonijiet ohra. Hu car li l-ammont pretiz mis-socjeta' appellata hu perent bid-dekors ta' aktar minn tmintax il-xahar, ai termini tal-Artikolu 2148(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi l-appellanti permezz ta' dan l-aggravvju qieghed formalment jissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta'l-azzjoni odjerna. Dan apparti il-kontestazzjoni li l-ammont reklamat mhuwiex dovut.

Illi mill-atti probatorji jirrizulta illi n-"notifika" lill-konvenut ta' dina l-istanza saret billi fl-24 ta' Marzu 2011 l-ufficjal tal-Qorti wahhal kopja tal-att promotur fl-ghassa tal-Pulizija u fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta u fil-post ta' residenza tal-konvenut il-Belt Valletta. L-ufficjali ezekuttiv tal-Qorti spjega li wahhal il-kopja mal-bieb 90, Flat Number 2, Triq Melita, Valletta. L-avviz fil-Gazzetta tal-Gvern sar fil-harga tal- 25 ta' Marzu 2011 (fol 17) u fil-gazzetta lokali The Times of Malta fl-4 ta' Mejju 2011. Il-konvenut ma wegibx ghall-kawza, u l-ewwel Qorti semghet il-provi tas-socjeta` attrici u ddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet attrici fil-kontumacja tieghu.

Illi l-appellanti kif debitament rapprezentat, isostni illi kien assenti minn Malta għal żmien twil qabel ma ġie ippreżentat ir-rikors promotur, u fid-data li fiha ġie

intavolat ir-rikors, u li għadu hekk assenti. Da parti tagħha, l-appellata tgħid illi l-indirizz użat għall-fini tan-notifika kien dak illi fornielha l-appellanti stess sabiex tintbagħtlu l-korrispondenza tiegħu mis-soċjetà attriċi. Jirriżulta lil din il-Qorti illi in vista tal-fatt illi kien l-appellanti stess illi ta dan l-indirizz lis-soċjetà attriċi, kif ukoll in vista tal-fatt illi huwa qatt ma informa lis-soċjeta appellata illi huwa biddel l-indirizz tiegħu, din tal-aħħar ma kellha ebda raġuni taħseb illi l-appellanti ma kienx residenti f'Malta.

Illi l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi r-rikorrenti ghandu jipprocedi ghan-notifika billi procedura tal-affissjoni u tal-publikazzjoni jekk mir-riferta tan-notifika tal-marixxal jirrizultalu illi dik il-persuna hija imsiefra. Illi min ezami tar-riferti tan-notifika li hemm fl-atti ma jidhirx illi l-marixxal addett bin-notifika ta'l-att promotur gie a konoxxenza tieghu illi il-konvenut kien assenti u jindika illi meta mar biex jezegwixxi n-notifika hadd ma fetahlu. Illi di piu' Magri issostni illi hija tirrisjedi fil-fond fejn l-attur intenta jaghmel in-notifika ta'l-att u kwindi kieku dan kien minnu kienet tkun prezenti meta il-Marixxal mar sabiex jinnotifika l-att bil-mezzi ordinarji u taghtih l-informazzjoni mehtiega.

Illi l-artikolu 187 (6) tal-Kapitolu 12 jiddisponi:

> *Meta jirriżulta li l-persuni kollha msemmija fl-artikolu 181A(2) ma jkunux jinsabu Malta jew li dawk il-persuni ma jeżistux, il-qorti għandha taħtar kuratur li jidher għal dak il-korp skont ma hemm provdut fl-artikolu 929(d).*

Ġjaladarba lill-socjeta appellata ma irriżultalhiex illi Shaker Asleh ma kienx Malta fil-mument meta ġie ippreżentat ir-rikors promotur, ma kien hemm xejn erroneju jew irregolari fil-mod kif l-appellanti ġie notifikat bir-rikors promotur,

u ċioe bil-proċedura tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni. Il-proċedura tal-ħatra ta' kuraturi għan-nom tal-assenti tiġi użata meta min irid jinnotifika ikollu għalfejn jaħseb illi l-persuni li għandhom jiġu innotifikati ma jinsabux Malta, u dan qatt ma għadda minn moħħ is-socjeta appellata peress illi din kellha indirizz ġewwa Malta tal-appellanti, u qatt ma ġiet infurmata mod ieħor. Għal dawn ir-raġunijiet, dan l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud.

Illi permezz tat-tieni aggravju l-appellanti mandatarja tallega illi kopja tal-att promotur qatt ma ġiet imwaħħla mar-residenza. L-artikolu 187 (3) tal-Kap 12 jitkellem dwar il-mod kif għandhom isiru n-notifiki lill-persuni illi, bħall-appellanti, għalkemm ma jirriżultax li qegħdin barra minn Malta, id-dħul fil-post tar-residenza tagħhom ma jkunx jista' jsir, jew il-post tar-residenza tagħhom ma jkunx magħruf. Skond dan l-artikolu *il-qorti tista' tordna illi n-notifika ssir billi titwaħħal kopja tal-att fil-post,fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwaħħlu l-atti uffiċjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinħarġu fil-qosor fil-Gazzetta u f'ġurnal ta' kuljum wieħed jew iktar minn wieħed skont kif il-qorti tiddeċiedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun magħruf, billi titwaħħal kopja tal-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza.*

Illi l-Qorti tal-Appell kellha hekk xi tghid ghar-rigward (6 ta' Mejju, 2011, Appell Civili Numru. 128/2007/1, fis-sentenza taghha Frances Bergedahl a nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Central Mediterranean Corporation Limited (Reg. Nru. C 453) v. Francis Formosa:

*Il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li ntqal minn din il-Qorti fil-kawza* ***Three Barrels Ltd. v. Schembri et****, deciza fit-13 ta' Lulju, 2001, dwar il-htiega li l-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tigi segwita rigorozament:*

***"Dan l-artikolu jimponi tassattivament minimu ta' tliet elementi biex jigi assigurat in-notifika ta' att bil-procedura hekk imsejjha "tal-pubblikazzjoni" jew "ta' l-affissjoni".***

***"(a) Il-Qorti tista' tordna li notifika ssir billi titwahhal kopja ta' l-att fil-post fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali;***

***"(b) illi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil- Gazzetta;***

***"(c) illi l-iskrittura jew att jinhargu f'gurnal ta' kuljum, wiehed jew aktar minn wiehed, skond kif il-Qorti tiddeciedi.***

***"Dawn it-tlett modalitajiet kif l-iskrittura jew l-att kellhom jingiebu a konjizzjoni tal-persuna notifikanda kellhom jigu attwati t-tlieta flimkien, u f'dan ir-rigward il-konguntiv "u" ghandu jinghata l-piz shih tieghu. Ma' dawn it-tlett rekwiziti ghan-notifika valida permezz ta' din il-procedura kellu jizdied rekwizit iehor, ukoll mehtieg ad validitatem, "meta jkun possibbli jekk il-post ta' residenza jkun maghruf ", illi titwahhal kopja ta' l-iskrittura jew att mal-bieb ta' dik ir-residenza. Jekk ma jigix provat illi jkun sar dak li l-ligi tesigi bhala minimu ghal notifika valida fit-termini tas-subinciz 3 ta' l-artikolu 187, tali notifika kellha titqies li kienet irritwali u bla effett fil-ligi.***"

Premess dan ghalhekk, il-Qorti tosserva illi dak li hu importanti, ghall-fini tal-Artikolu 187(3), huwa l-affissjoni f'post pubbliku fejn soltu jitwaħħlu atti uffiċjali kif ukoll il-pubblikazzjoni f'gurnal u fil-Gazzetta tal-Gvern, u li "titwahhal" kopja mal-bieb tar-residenza, jekk l-indirizz ikun maghruf. Dan l-artikolu ma jesiġix illi dak li jkun ikun qara l-gurnal, u lanqas li jinduna bl-att mal-bieb.

> ***Ma jkunx logiku li l-konvenut jithalla jehles min-notifika billi jghid li hu ma rahx l-att mal-bieb tar-residenza tieghu; kieku dan jigi accettat, jigi stultifikat l-iskop tal-ligi. Il-ligi trid taghti l-pubblicita` l-aktar ampja possibbli ghall-avviz ta' kawza, pero`, fl-ahhar mill-ahhar, trid timponi test oggettiv ghax altrimenti dak li jkun ikun jista' dejjem isib mezz kif jahrab min-notifiki. Kieku l-ligi riedet prova li l-att imwahhal mal-bieb jinqara mill-persuna li gie notifikat, mhux biss dan kienet tghidu, izda wkoll ma kenitx tinsisti fuq pubblikazzjoni tal-att, ghax la darba l-att jingabar, in-notifika tkun saret! Id-diversi mezzi ta' pubblicita` li tipprovdi l-ligi gew maghmula biex jindikaw, iuris et de iure, notifika personali u darba dak li trid il-ligi gie esegwit, il-parti hekk notifikata ma tistax tahrab mill-effetti tal-istess." (ibid).***

Kieku l-Qorti kellha tadotta it-test soggettiv li jitkellem dwaru l-appellanti, u ċioe illi huwa jkun fil-fatt ra l-avviż imwaħħal mal-bieb tad-dar tiegħu, ikun hemm lok għall-abbuż. Din il-Qorti terġa tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell hawn fuq ċitata, fejn dik il-Qorti qalet illi l-ġurament tal-konvenut li jgħid illi ma sabx att imwaħħal mal-bieb tiegħu mhuwiex kontrollabbli, kuntrarjament għal per eżempju ġurament fuq il-mertu fejn dak li jkun jista' jressaq provi kontrarji. Dik il-Qorti żiedet tgħid **illi "*Huwa minhabba l-impossibbilita` ta' kontradizzjoni li l-ligi timponi test oggettiv: jekk gew esegwiti l-proceduri li trid il-ligi, allura n-notifika saret*".**

Il-liġi tipprovdi għall-pubbliċita, iżda ma teżiġix illi l-konvenut ikun induna bl-att ippubbliċizzat. Għalhekk jingħad illi ġaladarba huwa t-test oġġettiv rikjest mil-liġi, u ċioe illi l-att fil-fatt ġie ippubbliċizzat, u mhux dak soġġettiv, u ċioe illi l-intimat jinduna bl-att ippubbliċizzat, dan it-tieni aggravju tal-appellanti ukoll għandu jiġi miċħud.

Illi l-appellanti jilmenta ukoll mill-fatt illi fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, huwa deher li kien qed jigi rapprezentat minn Avukat Dr Mark Fenech Vella, mentri fil-fatt l-avukat Fenech Vella qatt ma kien il-konsulent legali tiegħu. Jingħad illi dan l-aggravju tal-appellanti fuq dan il-punt ma jistax jiġi milqugħ. Id-dikjarazzjoni li jibbaża fuqha it-tielet aggravju tiegħu l-appellanti tittratta verbal f'seduta ta' min kien qiegħed jidher bħala rappreżentant legali tieghu. Huwa ovvju illi dan kien żball ġenwin f'verbal ta' seduta, u ċertament illi hawn mhux si tratta minn xi dikjarazzjoni jew xi allegazzjoni illi irriżultat f'xi preġudizzju jew dannu lill-appellanti. In oltre dan is-sempliċi żball f'verbal ta' seduta ġie korrett permezz tal-verbali sussegwenti, minn fejn jirriżulta ċar illi dan l-avukat ma kienx qiegħed jirrappreżenta lill-appellanti. Għaldaqstant, dan it-tielet aggravju ukoll għandu jiġi miċħud.

Illi finalment l-appellanti isostni illi huwa għandu kontestazzjoni fil-mertu għaliex jgħid illi l-ammont pretiz mis-socjeta' appellata hu perent bid-dekors ta' aktar minn tmintax il-xahar, ai termini tal-Artikolu 2148(f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; u jgħid illi l-preskrizzjoni hi sollevabbli f'kull stadju tal-proceduri, anke fl-istadju tal-appell. Hemm ukoll kontestazzjoni li l-ammont reklamat mhuwiex dovut, kif ser jirrizulta indubbjament jekk din il-Qorti tilqa' dan l-appell u jkunu jistghu jinstemghu il-provi li ghandu l-appellanti in difiza tieghu innifsu.

Sinifikanti dwar dan l-aspett ta' dritt dak ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **"Vittorio Cassar vs Carmelo Vassallo"**[1], fejn il-Qorti elenkat dawn il-principji in materja ta' kontumacja, u cjoe`:

[1] Appell, Sede Inferjuri, 29 ta' Mejju 1937, (**Kollez Vol XXIX pI p1581**),

*1. "Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet voluntarja;*

*2. Anqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;*

*3. Biex ikun hemm lok ghal gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;*

*4. Din il-kawza gusta ghandha tikkonsisti f'impediment legittimu;*

*5. L-impediment biex ikun legittimu, ghandu jkun jiddependi mill-volonta` tal-kontumaci;*

*6. L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun zball vincibbli, allura jigi ekwiparat ghal kolpa;*

*7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita` impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibbli";*

*8. L-impossibilita` li wiehed jidher ghas-subizzjoni, jew almenu d-diffikolta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali."*

Stabbilit illi l-appellanti naqas milli jissostanzja b'raġuni plawsibbli u konvinċenti l-assunt tiegħu tal-invalidita' tan-notifika, din il-qorti tqies, bhal l-Ewwel Qorti, illi b'hekk huwa baqa' fi stat ta' kontumaċja. Raggunta l-konkluzjoni illi l-istat kontumacjali fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti baqghet ingustifikata, jingħad illi "***kif inhu pacifiku, il-konvenut li jibqa' kontumaci mhux prekluz milli jappella u ghalkemm ma jistax igib quddiem din il-Qorti xhieda, jekk ma jiggustifikax in-nuqqas tieghu, jitratta l-kawza jista'***[2]**.**

[2] Ara **Kollez. Vol. XLII P I p 517**

***Jinsab ukoll ritenut illi l-appellanti ma jistax jissottometti dwar l-aggravju tieghu fil-meritu qabel ma jiggustifika l-kontumacja tieghu ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti."***[3]

Gie precizat, imbaghad, f'gurisprudenza l-aktar ricenti ili ***"l-istitut tal-kontumacja hu ntiz bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa".***[4]

Billi gie stabbilit ghalhekk illi n-notifika maghmula lill-konvenut appellanti kienet wahda valida fil-ligi kwindi l-appellanti kien jenhtieglu jiggustfika l-kontumaċja tiegħu, haga li ma ghamilx ghajr ghal fatt illi isostni illi huwa kien assenti minn dawn il-gzejjer meta gew intavolati l-proceduri odjerni. Ghalhekk fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma tistax issa fi stadju ta' appell tippermetti lill-appellanti li jissolleva quddiemha eċċezzjonijiet legali u fil-mertu ghall-azzjoni attrici. Għal dawn ir-raġunijiet, dan ir-raba aggravju ukoll għandu jiġi miċħud.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

## < Sentenza Finali >

[3] *P.L.* Joseph Zammit noe vs Anthony Agius noe", Appell Kummercjali, 6 ta' Gunju 1994; "Joseph Vella pro et noe vs John Vella", App Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993.

[4] Vivian Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi", Appell, 13 ta' Lulju 2001.

---------------------------------TMIEM---------------------------------